**9 ta' Novembru, 1964**

***Imħallef:***

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Rosina Borg pro et noe et

*versus*

Giuseppa Falzon et

**Nullità — Pubblika merkantessa — Art. 12 u 13, Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Jekk mara miżżewġa tkunx hija stess pubblika merkantessa jew biss mara ta' kummerċjant li tista' tgħin lil żewġha fin-negozju tiegħu u mingħajr ma hija stess issir negozjanta hija kwistjoni ta' fatt, iżda l-liġi tgħid illi l-kunsens tar-raġel jista' jkun espress jew taċitu u jitqies dejjem mogħti meta l-mara teżerċità l-kummerċ pubblikament u notorjament.*

*Fil-każ, imbagħad, illi mara miżżewġa tkun teżerċità l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha, hija tobbliga ruħha għal dak illi huwa l-kummerċ tagħha u anke lil żewġha għal dawk illi huma l-beni ta' bejniethom u dana mingħajr l-awtorità tiegħu.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità premessi talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — jiġu awtorizzati li jesegwixxu ż-żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela wieħed fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 1953 u l-ieħor tas-sittax (16) ta' Diċembru 1954 l-ewwel wieħed għall-ħlas tas-somma ta' tliet mija u ħamsin lira (£350) bl-interessi tat-tlieta fil-mija (3%) u t-tieni wieħed għal-ħlas tas-somma ta' mija u ħamsin lira (£150) bl-interessi tat-tlieta fil-mija (3%). Bl-ispejjeż kompriż dawka tal-ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' Jannar, 1960.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Giuseppa armla Falzon li biha qalet li l-kuntratti msemmija fiċ-ċitazzjoni huma inesegwibbli għax huma nulli fl-ewwel lok għaliex hi qatt ma kienet pubblika merkantessa u fit-tieni lok għaliex ma kienitx assistita u lanqas awtorizzata minn żewġha biex tidher fuq il-kuntratti u tikkostitwixxi ruħha debitriċi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qegħdin jitolbu li jgħaddu għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ndikati fiċ-ċitazzjoni li l-awtur tagħhom Gio Maria Borg kien iffirma mal-konvenuta Giuseppa (il-lum armla) Falzon, li kienet ikkwalifikat ruħha fuq l-istess atti bħala pubblika merkantessa u fejn ġie wkoll dikjarat li din, in vista ta' dina l-kwalità tagħha, kienet qegħda tidher mingħajr l-intervent u assistenza ta' żewġha billi d-debitu li kien sejjer jissemma *kien jirrigwarda* l-kummerċ minnha eserċitat;

Illi l-lum dina l-konvenuta qegħda tgħid u teċċepixxi li hija ma kelliex dina l-kwalità u, skond in-nota tal-osservazzjonijiet tagħha, il-kummerċ ma kienx tagħha iżda ta' żewġha u hi, biss bħala mara ta' kommerċjant, ma setgħetx tidher fuq dawka l-kuntratti li *konsegwentement huma nulli u l-atturi ma* jistgħux jitolbu li jiġu esegwiti;

Illi jekk mara miżżewġa tkunx hi stess pubblika merkantessa jew biss mara ta' kummerċjant li tista' tgħin lil żewġha fin-negozju tiegħu u mingħajr ma hi stess għalhekk issir negozjanta, hi kwistjoni ta' fatt, iżda l-liġi (Kodiċi tal-Kummerċ Art. 12 u 13) tgħid li l-kunsens tar-raġel jista' jkun espress jew taċitu u jitqies dejjem mogħti meta l-mara teżerċità l-kummerċ pubblikament u notorjament (ammenokkè r-raġel ma jagħmilx dikjarazzjoni kontrarja b'att pubbliku li tiġi wkoll mogħtija *l-pubbliċità kommerċjali*); *fil-każ imbagħad* li hi tkun hekk teżerċità l-kummerċ, ċioè bil-kunsens ta' żewġha, tobbliga ruħha għal dak li huma l-beni ta' bejniethom u dana mingħajr l-awtorità tiegħu;

Illi meta wieħed japplika dawna l-prinċipji għall-fatti riżultati f'dina l-kawża (naturalment meqjusa *l*-provi *fil*-kawża l-oħra li għaliha saret riferenza) l-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li l-konvenuta kienet verament merkantessa pubblika, kif hija kkwalifikat ruħha, billi jirriżulta li: (a) hija kellha l-liċen-

zja f'isimha almenu sal-1949, (b) żewġha kien suldat però anke meta spiċċa, il-liċenzja għal żmien baqgħet f'isimha jekk ma kienx ġà spiċċa meta nħarġet il-liċenza (c) kienet hi li toqgħod materjalment fil-ħanut u tbiegħ mhux biss, iżda wkoll, u dan hu ferm importanti, kienet tiftiehem hi mal-fornituri tagħha, fosthom Gio Maria Borg, awturi tal-atturi, u anke tħallashom, (d) anke meta spiċċa minn suldat żewġha ma kienx ikun fil-ħanut għax baqa' jiġri barra u baqgħet tmexxi kollox hi, neħħi li hu wkoll marad għal żmien twil qabel ma miet, (e) id-dejn in kwistjoni jirrimonta għal negozju mibdi fl-1942 meta l-konvenuta kienet ukoll it-titolari tal-liċenza, neħħi li dan it-tibdil fl-isem ma kienx akkompanjat minn xi ċirkostanzi li setgħu jinduċu lil minn kien qabel jinnegozja mal-konvenuta jibda jaħseb li n-negozju kien verament ta' żewġha billi l-istess baqgħet tidher il-konvenuta fit-tmexxija tan-negozju. Evidentement ix-xhud Salvo Bonello (bin il-konvenuta) irid jagħx'jifhem li d-dejn setgħa sar għax ommu kienet tilgħab; dan però jista' jispjega biss għaliex din ma ħallsitx lill-kredituri tagħha u ma jistax ibiddel il-vera natura tal-kreditu ta' dawna l-kredituri, bħal Gio Maria Borg, li jkunu tawha merkanzija: id-dejn lejn dawn ġie inkors in konnessjoni mal-kummerċ tal-konvenuta, u din hekk irrikonoxxietu fl-interezza tiegħu, flatti li ffirmat; il-fatt li l-konvenuta ma wrietx bid-dejn lil niesha lanqas ma għandu mportanza għaliex dan hu fatt li jirrigwarda relazzjonijiet estranei għall-istess kredituri li jinteressahom biss li qegħdin jikkuntrattaw ma persuna kapaċi kif kienet tidher magħhom li kienet il-konvenuta:

Illi minn dan hu evidenti li b'ebda mod ma ġiet intakkata l-validità tal-kuntratti li tagħhom qed jintalab l-eżekuzzjoni u għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuta Giuseppa Falzon f'dana s-sens għandha tiġi respinta. Kwantu għall-ammont dovut skond l-istess kuntratti jiġi osservat li skond it-tieni kuntratt (tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1954) l-imgħax fuq l-ammont rikonoxxut fil-kuntratt preċedenti (tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1953) ġie soldat sa dikinhar tat-tieni att. u kwindi

l-imgħax hu dovut minn dikinhar biss fuq iż-żewġ ammonti;

Għal dawna l-motivi:—

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kuntratti opposta mill-konvenuta Giuseppa Falzon bl-ispejjeż kontra tagħha u tilqa' d-domanda attriċi u tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-istess kuntratti fl-ammont hawn fuq indikat, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti lkoll.